**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR** | **CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur**

Mario de Giovanni
vs
Go PLC

CCT109/16/MS

Illum, 16 ta' Jannar 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent npprezentat fis-26 ta' Mejju 2016 fejn talab ir-rifuzjoni ta' tlett mija u tletin Euro (€330.00) prezz ta' mobile/servizz li xtara minghand is-socjeta' intimata.

Ra n-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata pprezentata fil-10 ta' Gunju 2016 fejn cahdet it-talba tar-rikorrent bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kaz.

Ikkunsidra.

Illi rrizulta mill-provi illi permezz ta' kuntratt tat-28 ta' Frar 2016, ir-rikorrenti akkwista mobile phone u servizz tal-mobile ghal zmien sentejn minghand is-socjeta' intimata. Ir-rikorrent ighid illi li waqt illi l-mobile kien fuq charge dana gratlu xi hsara fis-sens illi nqasam il-wicc. Il-mobile ittiehed fic-centru li ghandhom GO f'Birkirkara fejn mal-ewwel saret allegazzjoni min-naha tas-socjeta' konvenuta illi xi hadd waqqa dan il-mobile phone u illi t-tiswijiet ma kellhomx ikunu koperti bil-garanzija. Din l-allegazzjoni giet negata min-naha tar-rikorrent u martu li pero' finalment insistew illi qabel ma jsiru xi tiswijiet kellhom ikunu nfurmati bil-prezz tat-tiswija u ma kellhiex issir tiswija qabel ma jaghtu l-permess taghhom.

Illi skond ir-rikorrent, fid-9 ta' Marzu 2016 xi hadd cempel illi t-tiswija fuq il-mobile kien lest u li dan kellu jiswa mija u erbatax -il Euro. Ir-rikorrent irrifjuta li jhallas kemm il-ghaliex dehrlu illi t-tiswija kellha tkun taht garanzija u ukoll ghaliex ma tax il-permess tieghu ghat-tiswija necessarja kif kien intiz qabel.

Illi l-partijiet dahlu f'argument fuq din il-materja u s-socjeta' intimata l-ewwel offriet skont zghir, u wara li rrikonnoxiet illi kellha tinforma lir-rikorrent qabel it-tiswijiet, accetat illi jahfru l-prezz tat-tiswija tal-iscreen sabiex ir-rikorrent ma jhallas xejn (ara xhieda Andrew Borg - 10 ta' Ottubru 2016). Ir-rikorrent ma accettax din il-proposta peress illi baqa' jinsisti illi s-set kellu jkun taht garanzija u ried ukoll li din il-garanzija tibda tghodd minn dak in-nhar li jiehu konsenja tal-mobile imsewwi. Is-socjeta' intimata ma setghetx taccetta din il-kundizzjoni peress illi meta l-iscreen jigi imkisser dana jivvizja l-garanzija.

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Ikkunsidra

It-Tribunal mhuwiex ser jidhol fil-kwistjoni ta' kif seta' grat il-hsara fuq dan il-mobile peress illi ma ngabet l-ebda prova u hemm konflitt bejn dak li qal ir-rikorrent u martu u l-allegazzjoni tas-socjeta' intimata. Pero, jinnota certi diskrepanzi fix-xhieda tar-rikorrent u martu fejn fuq naha qeghdin ighidu u jinsistu li l-mobile kellu jkun kopert b'garanzija u fuq in-naha l-ohra li jigu mgharrfa bil-prezz tat-tiswija u li din it-tiswija ma kellhiex issir minghajr il-permess tagghom.

It-Tribunal isaqsi: jekk verament il-mobile kien kopert b'garanzija x'interess seta' kellhom ir-rikorrenti biex ikunu jafu l-prezz ta' tiswija? La kien bil-garanzija t-tiswija kellha tkun bla hlas. Kien biss fil-kaz illi l-garanzija ma tapplikax li r-rikorrent kien ikun gustifikat jigi mgharraf bil-prezz tat-tiswija minn qabel. Kien wara insistenza min-naha tas-socjeta' intimata illi xi hadd waqqa l-mobile u b'hekk il-garanzija ma tapplikax illi mart ir-rikorrent assenjat ruhha, b'dana pero li nsistiet li tkun mgharrfa minn qabel bil-prezz tat-tiswiija. (Ara l-avviz promotur - tieni paragrafu.) B'din it-talba ir-rikorrent kien qieghed implicitament jaccetta li l-garanzija ma tapplikax.

Illi f'cirkostanzi normali ir-rikorrent ma kienx ikun f'posizzjoni li jippretendi illi la darba l-garanzija ma tapplikax jiehu t-tiswija b'xejn. Madankollu is-socjeta' intimata rrikonoxxiet illi kellha tinforma lir-rikorrent bil-prezz tat-tiswija u kien nuqqas taghha li dan m'ghamlitux. Ta' dan is-socjeta' intimata, haffret il-prezz tat-tiswija (Ara xhieda Andrew Borg). Ir-rikorrent, pero, baqa' jirrifjuta illi jircievi l-mobile peress illi ppretenda li jkollu garanzija mill-gdid.

Ikkunsidra

It-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta' intimata kienet ragonevoli hafna meta minhabba l-izball taghha accettat illi tahfer il-prezz tat-tiswija. Jifhem ukoll ghaliex il-garanzija kellha ma tapplikax aktar. Skond it-tekniku Christopher Talbott il-hsara fl-iscreen ma gietx kawzata minhabba overcharging peress illi kieku gara hekk, il-hsara kellha tkun in-naha t'isfel tal-mobile vicin ic-charging point u mhux in-naha ta' fuq, fejn fil-fatt kien. Irrizulta wkoll li minkejja li l-iscreen kien imkisser il-bqija kollox kien qed jiffunzjona sew. It-Tribunal japprezza li darba li jinkiser l-iscreen il-garanzija ma tibqax aktar vigenti.

Illi dana jiggustifika l-argument tas-socjeta' intimata illi l-garanzija ma kellhiex tapplika ghal dan il-mobile partikolari. Mill-bqija t-Tribunal jirrileva illi r-rikorrent ma ppruvax fi grad li trid il-ligi illi huwa sofra xi hsara tort tas-socjeta' intimata u ghalhekk l-istanza tieghu ma tistax tirnexxi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjes kontra tieghu.

Avv Michela Spiteri
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070